*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti tal-Laqgha numru 3/15 tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgha 18 ta' Frar 2015 fil-5:30p.m.*

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Joseph Farrugia (J.F.) |
| Vici-Sindku | Kevin Barun (K.B.) |
| Kunsilliera | Joseph Baldacchino (J.B.)<br>Carmelo Cachia (C.C.)<br>Charles Muscat (C.M.)<br>Stanley Zammit (S.Z.)<br>Bernardette Pace (B.P.) |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari u approvazzjoni ta' Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Annwali tal-Lokalita'.
5. Financial Statements 2014
6. Estimi Finanzjarji 2015
7. Approvazzjoni ta' hlasijiet (Skeda 02/2015)
8. CCTV's
9. Tqassim ta' fondi mir-Regjun Nofsinhar
10. Estensjoni ta' kuntratti
11. Hatra ta' kumitat tal-Finanzi
12. Hatra ta' interviewing bord ghall-Vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv
13. Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Segrearju Ezekuttiv u mistoqsijiet/interventi mill-Kunsilliera
14. Affarijiet ohra
15. Aggornament

**Talba**

Il-Vici-Sindku flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**01** **Qari tal-Minuti**

01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, Seduta numru 02/15, kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija.

01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Joseph Baldacchino, issekondata mis-Sur Carmelo Cachia il-minuti gew unanimament approvati.

01/03 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**02** ***Arisings* mill-Minuti**

02/01 Is-Sur Stanley Zammit qal illi b'referenza ghall-minuta 08/13, kienet qamet problema ghaliex is-sid tal-fond rispettiv ma kienx accetta illi lampa titwahhal mal-faccata tieghu. F'dan ir-rigward, is-Sur Zammit qal illi kien ser ikun qieghed ikellem lis-sid ta' fond iehor bil-ghan illi l-lampa titwahhal mal-faccata tieghu minflok kif originarjament propost.

02/02 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi b'konnessjoni ma' minuta nru 08/15 li kienet tikkoncerna opri tal-bahar fil-parkegg ta' San Gorg. Wara li gie stabbilit illi l-imsemmija opri tal-bahar kienu ghadhom ma tnehhewx minn fuq il-post, gie stabbilit illi s-sidien tal-istess opri tal-bahar kellhom jinghataw sa tmiem Frar 2015 sabiex inehhu l-ingombru mitfugh illegalment. Kemm il-darba dan ma jsehhx il-Kunsill Lokali kien ser jaghmel dak kollu possibbli sabiex jara illi s-sitwazzjoni tigi ratifikata.

02/03 Is-Sur Joseph Baldacchino qal illi b'referenza ghal minuta numru 08/15, kien ha hsieb illi jingabru l-€200 imsemmija li fil-fatt kienu gew mghoddija lill-Kunsill Lokali.

02/04 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kenitx saret it-talba lill-awtoritajiet kkoncernati rigward parti mill-parkegg li kien hemm fil-Qajjenza u li kien jintuza ghall-hazna ta' gass. Wara li gie stabbilit illi l-imsemmija talba ma kenitx saret, kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbaghat ittra.

**03** **Korrispondenza**

03/01 Permezz ta' ittra datata 28 ta' Jannar, il-Perit Joe Grech, f'isem is-Sur Anthony Bonnici talab lill-Kunsill Lokali jevalwa t-talba tal-klijent tieghu sabiex ikunu jistghu jitpoggew umbrellel u *sunbeds* f'zona specifika tal-Bajja s-Sabiha.
Is-Sur Joseph Baldacchino qal illi fl-opinjoni tieghu, kemm il-darba d-Dipartiment tal-Artijiet ma jsib ebda oggezzjoni ghall-proposta tas-Sur Bonnici, il-Kunsill Lokali ma kellux joggezzjona ghat-talba mressqa. Is-Sur Stanley Zammit ressaq proposta li kienet tghid illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni kemm il-darba d-Dipartiment tal-Artijiet jaqbel u ma jkunx hemm bidla fis-sit propost. Is-Sur Joseph Baldacchino issekonda l-proposta tas-Sur Zammit li ma ghaddietx b'votazzjoni ta' tlieta favur u erba voti kontra.
Wara diskussjoni libera, li matulha gie diskuss il-fatt illi fl-istess zona kienet qieghda topera persuna li kien hemm id-dubju jekk kelliex il-permessi mehtiega, gie stabbilit

illi s-Sur Bonnici kellu jigi infurmat illi l-Kunsill lokali ma kienx accetta t-talba tieghu peress illi mill-istess sit kienet topera persuna/i ohra li kieu joffru l-istess servizzi.

03/02 Permezz ta' e-mail datat 16 ta' Frar 2015, is-Sa. Rita Agius talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jaghtiha permess sabiex tkun tista' taghmel mill-gdid, a spejjez taghha, parti minn bankina fi Triq San Patrizju.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illi kemm il-darba x-xoghol isir skont l-*istandards* li jistabbilixxi l-Kunsill Lokali u b'access facli ghall-persuni bi bzonnijiet specjali, il-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sa. Agius.

**04 <u>Approvazzjoni ta' minuti tal-laqgha Annwali tal-lokalita'</u>**

04/01 Kopja tal-Minuti tal-Laqgha Annwali tal-Lokalita' kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-minuti ittiehdu bhala moqrija.

04/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondata mis-Sur Stanley Zammit, il-minuti gew unanimament approvati.

04/03 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**05 <u>Financial Statements 2014</u>**

05/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tal-financial statements ghas-sena 2014. Is-Sur Hall mbaghad ghadda sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata tad-dokument u semma fost l-ohrajn kif minkejja d-diffikultajiet li kien ghadda minnhom, il-Kunsill Lokali kien irnexxielu jaghlaq is-sena 2014 bi profitt ta' €23,825 meta wiehed iqabbel id-dhul man-nefqa tal-istess perjodu. Is-Sur Hall spjega wkoll kif il-likwidita' finanzjarja tal-Kunsill Lokali kienet giet effettwata b'mod drastiku mill-iskema *Public Private Partnership*.

05/02 Segwiet diskussjoni libera li matulha saru xi mistoqsijiet lill-Agent Segretarju Ezekuttiv dwar punti teknici mid-dokument ipprezentat.

05/03 Finalment fuq proposta tas-Sur Carol Muscat, issekondat mis-Sur Kevin Barun, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-Financial Statements ghas-sena 2014 hekk kif propost.

**6 <u>Estimi Finanzjarji ghas-sena 2015</u>**

06/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi minhabba problema fis-*software* li kien jintuza sabiex jinhadmu l-*accounts* tal-Kunsill Lokali, l-estimi finanzjarji ghas-sena 2015 ma kenux tlestew. Is-Sur Hall zied jghid illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ser tkun qieghda tahdem fuq l-estimi finanzjarji sabiex dawn ikunu mhejjija ghas-seduta segwenti.

**7 <u>Approvazzjoni ta' hlasijiet (Skeda 02/2015)</u>**

07/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti (Skeda Nru. 02/2015) ghall-approvazzjoni.

07/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Kevin Barun, issekondat mis-Sur Carmelo Cachia, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**8 <u>CCTV's</u>**

08/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kien attenda ghal laqgha tar-Regjun Nofsinhar illi matulha, fost affarijiet ohra gew diskussi CCTV cameras li setghu isiru permezz ta' fondi li kien ser jghaddi lill-Kunsilli Lokali l-istess Regjun Nofsinhar. Is-Sur Hall zied jghid illi l-Kunsill Lokali seta' jaghzel bejn sistema ta' minghajr infurzar jew sistema li tahdem bl-infurzar (LES). Fir-rigward tal-ahhar proposta, is-Sur Hall qal illi r-Regjun Nofsinhar kien lest illi jidhol ghall-ispejjez kollha relatati mal-infurzar.

08/02 Wara diskussjoni qasira, filwaqt li kien hemm qbil illi kemm il-darba ikun possibbli il-Kunsill Lokali kellu jaddotta s-sistema ta' infurzar (LES), kellhom isiru CCTV's fi Triq il-Fossili, Misrah is-Summit, Pjazza tal-Parrocca u Gnien l-Indipendenza. Naturalment, il-numru ta' CCTV's li kienu ser isiru kien jiddependi mill-ispiza marbuta ma' kull *camera*.

**9 <u>Tqassim ta' fondi mir-Regjun Nofsinhar</u>**

09/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv qal illi waqt laqgha tar-Regjun Nofsinhar li kien attenda ghaliha f'isem il-Kunsill Lokali, kien gie infurmat b'numru ta' inizjattivi li kien ha l-istess Regjun sabiex iqassam fondi lill-Kunsilli Lokali li kien ihaddan. Is-Sur Hall zied jghid illi fost affarijiet ohra l-Kunsill Lokali kien gie infurmat illi b'konnessjoni ma' AED's li kien qassam ir-Regjun Nofsihar lill-Kunsilli Lokali, kien ser jinzamm kors dwar kif jahdem l-imsemmi apparat. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil illi kellu jsir kuntatt mal-ghassa tal-pulizija bil-ghan illi t-tahrig jinghata lil ufficjali fi hdan l-istess korp peress illi l-intenzjoni tal-Kunsill Lokali kienet illi l-AED titpogga fl-ghassa tal-pulizija.

9/02 Is-Sur Hall zied jghid illi kif kien diga maghruf, il-Kunsill Lokali kien ser jinghata fondi wkoll sabiex jitwettqu progetti relatati ma' marki ta' karreggjati, tabelli ecc. Wara diskussjoni qasira gie stabbilit illi din il-materja kienet diga giet diskussa u kien hemm qbil dwarha f'seduta precedenti.

9/03 Is-Sur Hall qal illi waqt l-istess laqgha, kien gie infurmat illi r-Regjun Nofsinhar kien ser ikun qiegħed iqassam fondi lill-Kunsill Lokali ghall-uzu ta' progetti. Dawn il-fondi li ghal-lokalita' kienu jammontaw ghal €465, ma kenux ser jigu marbuta ma' inizjattivi partikolari u setghu jintefqu skont id-diskrezzjoni tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Kevin Barun qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu juza l-imsemmija fondi sabiex jaghmel lampa biswit il-klabb tar-regatta, liema spiza kienet tammonta ghal madwar €1 000. Is-Sur Stanley Zammit qal illi fil-fatt jekk il-Kunsill Lokali jiehu xi mizuri l-ispiza rejali kienet ser tkun ta' inqas minn €1 000. Wara diskussjoni libera, is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Barun li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

**10 <u>Estensjoni ta' kuntratti</u>**

10/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kuntratt numru 09/12 – Tender for Ornamental Lampposts, Ornamental Lighting and Maintenance

Services li l-Kunsill Lokali kellu ma' J.M. Installations kien ser jiskadi fil-21 ta' Frar 2015 u talab illi tittiehed decizjoni dwar jekk kelliex tigi applikata estensjoni ta' sena jew tinhareg sejha ghall-offerti mill-gdid. Is-Sur Stanley Zammit qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kien jircievi servizz tajjeb hafna minghand J.M. Installations u ghalhekk fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu japplika estensjoni ta' sena. Il-proposta tas-Sur Zammit giet issekondata mis-Sur Kevin Barun u ghaddiet b'votazzjoni unanima.

10/02 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kuntratt numru 01/12 Street Lighting Installations and Maintenance Services li l-Kunsill Lokali kellu ma' Nexos Street Lighting Ltd kien ser jiskadi u talab illi tittiehed decizjoni dwar jekk kelliex tigi applikata estensjoni ta' sena jew tinhareg sejha ghall-offerti mill-gdid. Wara diskussjoni libera, is-Sur Stanley Zammit qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jestendi l-kuntratt li kellu ma' Nexos Street Lighting Ltd. b'sena. Il-proposta tas-Sur Zammit giet issekondata mis-Sur Carol Muscat u ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

## 11 <u>Hatra ta' Kumitat tal-Finanzi</u>

11/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kien gie mitlub jahtar kumitat tal-finanzi li kellu jkun kompost minn massimu ta' hames individwi. Is-Sur Hall zied jghid illi minbarra s-Segretarju Ezekuttiv, membru fl-imsemmi bord kellha tinhatar l-accountant tal-Kunsill lokali. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kemm is-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll l-Accountant tal-Kunsill Lokali kellhom jinhatru membri fil-bord tal-finanzi. Is-Sur Joseph Farrugia ippropona illi s-Sur Joseph Baldacchino jinhatar membru fil-bord tal-finanzi. Is-Sur Kevin Barun issekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima. Is-Sur Joseph Baldacchino ippropona illi s-Sur Carmelo Cachia jinhatar bhala membru fil-bord tal-finanzi. Is-Sur Carol Muscat issekonda l-proposta tas-Sur Baldacchino li ghaddiet b'votazzjoni unanima. Is-Sur Kevin Barun ippropona illi s-Sindku jinhatar bhala membru fil-Kumitat tal-Finanzi. Is-Sur Stanley Zammit issekonda n-nomina tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti.

## 12 <u>Hatra ta' interviewing board ghal vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv</u>

12/01 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi wara li kienet intbaghtet il-korrispondenza kollha rigward il-vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali, l-istess Dipartiment kien talab illi tinhareg sejha mill-gdid. Fid-dawl ta' din ic-cirkostanza kien hemm il-htiega illi jinhatru l-membri tal-bord li kien ser ikun qieghed jaghmel l-interviews.

12/02 Is-Sur Kevin Barun ippropona illi s-Sur Stanley Zammit jinhatar bhala membru fuq l-imsemmi bord. Is-Sur Joseph Baldacchino issekonda l-proposta tas-Sur Barun li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

12/03 Is-Sur Stanley Zammit ippropona illi s-Sur Kevin Barun jinhatar bhala membru fuq l-imsemmi bord. Is-Sur Joseph Farrugia issekonda l-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

12/04 Is-Sur Carol Muscat ippropona illi s-Sindku jinhatar bhala membru fuq l-isemmi bord. Is-Sur Joseph Baldacchino issekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti.

12/05 Is-Sur Joseph Baldacchino ippropona illi s-Sur Kevin Barun jinhatar bhala membru fl-imsemmi bord. Is-Sur Joseph Farrugia issekonda l-proposta tas-Sur Baldacchino li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

12/06 Is-Sur Joseph Farruga ippropona illi s-Sur Carol Muscat jinhatar bhala membru fuq il-bord in-kwistjoni. Is-Sur Stanley Zammit issekonda l-proposta tas-Sur Farrugia li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**13 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku, Segretarju Ezekuttiv u mistoqsijiet/interventi mill-Kunsilliera</u>**

13/01 Is-Sur Carol Muscat qal illi kien gie avvicinat mis-Sinjuri Deguara li kienu wrew ix-xewqa illi jiehdu hsieb zona bil-hamrija li kien hemm wara l-knisja parrokkjali. Is-Sur Muscat qal illi fl-opinjoni tieghu, it-talba tas-Sinjuri Deguara kienet wahda li l-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra ghaliex iz-zona in-kwistjoni ma kenitx issir mill-kuntratturi tal-Kunsill Lokali.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jaghti permess lis-Sinjuri Deguara sabiex ikunu jistghu jiehdu hsieb iz-zona in-kwistjoni.

13/02 Is-Sur Carol Muscat qal illi kien ircieva xi talbiet sabiex issir traffic calmer fi Triq San Filippu.
Wara diskussjoni qasira, gie stabbilit illi kienet ser tkun difficli sabiex jinstab individwu illi ma jsibx oggezzjoni illi titpogga t-traffic calmer quddiem il-bieb tieghu. Ghaldaqstant, din il-materja ma setghetx tigi implimentata.

13/03 Is-Sur Carol Muscat qal illi hekk kif ghamel f'seduti precedenti kien ser ikun qieghed jitlob lill-Kunsill Lokali sabiex issir planka halli tkun tista' tintuza mit-tfal, genituri u pedonali fi Triq Birzebbuga.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jgib stima tal-ispejjez sabiex jevalwa l-possibilita'illi jsir ix-xoghol imsemmi.

13/04 Is-Sur Carol Muscat talab lis-Segretarju Ezekuttiv jaghti dettalji dwar meta kien ser jiskadi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu ma' Environmental Landscapes Consortium Ltd.
Is-Sur Hall informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-kuntratt in-kwistjoni kien ser jiskadi f'Mejju 2015.

13/05 Is-Sur Carol Muscat gibed l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali rigward kamra tal-injam li kienet tintuza minn Mr. Whippy.
Wara diskussjoni libera dwar il-materja, kien hemm qbil illi kemm il-darba jigi stabbilit illi l-individwu in-kwistjoni kien qieghed imur kontra l-indikazzjonijiet mahruga mill-Kunsill Lokali kellha tingibed l-attenzjoni tal-pulizija.

13/06 Is-Sur Kevin Barun qal illi kien qieghed ikollu sensiela ta' korrispondenza mal-awtoritajiet tal-Freeport rigward fondi.

13/07 Is-Sur Kevin Barun qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jixtri dwal li jaghtu indikazzjoni lis-sewwieqa dwar perikli fit-toroq. Is-Sur Barun zied jghid illi fl-opinjoni tieghu kien importanti illi l-Kunsill Lokali jkollu l-imsemmija sinjali

sabiex jindika eventwali perikli. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-ahjar soluzzjoni tkun illi tinhadem traffic barrier li tkun tinkorpora *emergency lights* sabiex dawn ma jkunux jistghu jinsterqu.

13/08 Is-Sur Kevin Barun talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jigu nnumerati l-lampi tal-arbli tad-dawl.
Kien hemm qbil unanimu illi apparti mill-fatt illi numru ta' lampi u arbli kienu diga' nnumerati, kemm il-darba jsir ix-xoghol mitlub mis-Sur Barun, l-istickers bin-numri kienu jispiccaw jinqalghu.

13/09 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk kenitx intbaghtet korrispondenza lil Transport Malta sabiex parti minn Triq S. Cachia Zammit isir one-way.
L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sur Zammit illi kien ser ikun qieghed jghaddilu kopja tal-korrispondenza ma' Transport Malta rigward il-kaz.

13/10 Is-Sur Stanley Zammit qal illi s-Sur Mario Camilleri ma accettax li l-lampa titwahhal mal-faccata tieghu, imma nfurmana li accetta jekk din tehel ma' arblu taht il-bankina. Ghal din ir-raguni s-Sur Zammit kien iltaqa' mieghu u baghat e-mail lis-Sur Scicluna sabiex naraw insibux soluzzjoni.

13/11 Is-Sur Stanley Zammit qal illi fil-parkegg ta' San Gorg kien ghad hemm numru ta' dghajjes fil-parkegg mhux riservat ghalihom. Fis-seduta precedenti kien hemm il-ftehim li ser tittiehed azzjoni skont kif tipprovdi l-ligi.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba s-sidien tal-opri tal-bahar ma jnehhuhomx mill-post imsemmi sa tmiem Frar 2015, tittiehed azzjoni sabiex dawn ikunu jistghu jigu mnehhija.

13/12 Is-Sur Stanley Zammit staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx inbeda x-xoghol ta' patching fuq numru ta' toroq
Is-Sindku informa lis-Sur Zammit flimkien mal-Kunsilliera prezenti illi l-patching kien inbeda u beda jsir xoghol fuq lista ta' toroq li kellhom bzonn il-manutenzjoni.

13/13 Is-Sur Stanley Zammit qal illi kien gie ddeterminat illi lampa li kienet saret fi Sqaq ta' Salvun in-naha ta' Triq tal-Gebel kienet saret bla permess u ghalhekk il-Kunsill Lokali kien ser japplika sabiex tigi regolarizzata.

13/14 Is-Sur Stanley Zammit fakkar illi kellha tintbaghat it-talba lil awtoritajiet ikkoncernati sabiex il-parkegg f'tal-Gass fejn kienu jipparkjaw it-trakkijiet ta' Ghawdex tigi klerjata u tigi devoluta bhala parkegg ghad-dghajjes ghax-xitwa u ghal karozzi fis-sajf.

13/15 Is-Sur Stanley Zammit staqsa fiex kien wasal ix-xoghol fuq il-mushroom type roundabout Triq San Gwann/Triq San Edwardu/Triq iz-Zibra liema xoghol kien sar ftehim li jista' jsir mill-haddiema tal-Kunsill jew mill-inmates taht is-supervizjoni tal-Perit Lewis jew tal-Contracts Manager.
Is-Sur Carol Muscat ta rendikont tal-istadju li fih kienu waslu x-xoghlijiet imsemmija.

13/16 Is-Sur Stanley Zammit staqsa jekk il-Kunsill Lokali kienx gie kkonsultat dwar l-irmiggi li ser jinghataw f'Wied il-Buni u x'ser ikun l-effett fuq l-ghawwiema u fuq ix-xtajta konsegwenza tal-inizjattiva.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jiccekkja eventwali permessi li kien hemm u jigbor l-informazzjoni kollha dwar il-materja.

13/17 Is-Sur Stanley Zammit qal illi l-istima sabiex terga' tehel il-lampa quddiem il-parkegg iz-zghir ta' hdejn il-Batterija Ferretti, in-naha tal-ghalqa ta' Wesgha Ramon Perellos kienet tammonta ghal Ewro 765.47

13/18 Is-Sur Stanley Zammit qal illi l-stima ghall-lampa fi Triq il-Port Hieles qrib il-Museum tas-subien, kienet tammonta ghal Ewro 238.47.

13/19 Is-Sur Stanley Zammit qal illi dwar l-attivita' li kienet qieghda tigi proposta li tittella' fl-20 ta' Mejju, l-450 anniversarju mill-izbark tat-torok kien tkellem mal-Head Curator u hu interessat li jghin l-aktar minhabba li Heritage Malta ha tikkommemora l-450 anniversarju tal-Assedju u jista' jkun illi din l-attivita' tigi abbinata mac-celebrazzjonijiet nazzjonali minn Heritage Malta ukoll.

13/20 Is-Sur Stanley Zammit informa lill-Kunsill Lokali illi xi residenti kienu avvicinawh u ressqu talba sabiex issir traffic calmer fi Triq il-Qoton.

Kien hemm, diskussjoni libera li matulha gie deciz illi kellha tingabar stima tax-xoghlijiet sabiex eventwalment tkun tista' tittiehed decizjoni.

13/21 Is-Sur Stanley Zammit qal illi waqt spezzjoni li l-Kunsill Lokali ghamel fi Triq il-Kummerc sabiex talba li kienet waslitlu ghal road markings, kien hemm xi residenti illi kienu lmentaw dwar il-proposta ta' double yellow line faccata ta' fond partikolari.

Wara li inghataw aktar dettalji, gie stabbilit illi sabiex ma jinholoq ebda precedent, ir-resident li kien talab id-double yellow line kellu jressaq talba lil Transport Malta direttament.

13/22 L-Agent Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi s-Sa Simone Fenech kienet intitolata sabiex titla' notch ohra fi skala 11 wara li kienet ghalqet sena fin-notch prezenti.

Kien hemm qbil unanimu illi s-Sa. Fenech kellha titla' notch hekk kif kienet intitolata.

13/23 Is-Sur Duncan Hall informa lill-Kunsill Lokali illi sabiex ikun konformi mal-ligijiet, kien hemm il-htiega illi settijiet ta' bye-laws li kienu qieghdin ikunu proposti li jigu addottati ghal-lokalita' jitpoggew ghall-konsultazzjoni pubblika.

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-imsemmija sett ta' bye-laws kellhom jitpoggew ghall-konsultazzjoni pubblika.

13/24 Is-Sur Duncan Hall spjega lill-Kunsilliera prezenti s-sitwazzjoni relatata mal-permessi tal-krejnijiet. Is-Sur Hall informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kien korrett meta beda japplika r-rati l-godda ghall-permessi tal-krejnijiet. Huwa zied jghid illi kien gie kkonfermat ukoll li l-Kunsill Lokali ma kellu jaghti ebda rifuzjoni ghal permessi li kienu gew mahruga.

## 14 <u>Affarijiet Ohra</u>

14/01 Ma kienx hemm

**15** **Aggornament**

Is-Seduta spiccat fit-8:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2015 fil-5:30 p.m.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Joseph Farrugia** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **A/Segretarju Ezekuttiv** |

Data: ____________________